

DEĊIŻJONI (UE) 2015/2331 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW
tal-4 ta' Diċembru 2015
dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2016 (BĊE/2015/42)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
- (2) Id-19-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE għall-approvazzjoni tiegħu l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2016, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir.
- (3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri li joħorġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħarġa, il-volumi approvati mill-BĊE m'għandhomx jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2016

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2016, kif stipulat fit-tabella li ġejja:

	<i>(EUR miljun)</i>
	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2016
Il-Belġju	80,6
Il-Ġermanja	667,5
L-Estonja	10,3
L-Irlanda	38,8
Il-Greċja	79,5
Spanja	276,4
Franza	266,0
L-Italja	35,0
Ċipru	12,1
Il-Latvja	20,0

(EUR miljun)

	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2016
Il-Litwanja	32,3
Il-Lussemburgu	19,1
Malta	9,9
Il-Pajjiżi l-Baxxi	52,5
L-Awstrija	260,0
Il-Portugall	53,4
Is-Slovenja	30,0
Is-Slovakkja	17,0
Il-Finlandja	45,0

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Diċembru 2015.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI